31984D0358

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL
tat-28 ta' Ġunju 1984
dwar l-Ilħuq tal-Ftehim għall-koperazzjoni dwar kif jiġi trattat it-tniġġiż tal-Baħar tat-Tramuntana bħala riżultat taż-żejt u ta' sustanzi oħra perikoluż

(84/358/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 235 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni (1),

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew (2),

Billi l-ewwel żewġ programmi ta' azzjoni tal-Komunitajiet Ewropej dwar l-Ambjent (3) jemfasizzaw l-importanza għall-Komunità li jiġi trattat it-tniġġiż ta' l-ibħra in ġenerali u jagħmlu disposizzjonijiet *inter alia* għall-miżuri tal-Komunità li jittrattaw it-tniġġiż kawżat mit-trasport u t-trasort bil-baħar;

Billi huma jispeċifikaw illi l-funzjoni tal-ħarsien ta' l-ilma baħar jikkostitwixxi kwistjoni ta' prijorità bil-għan illi l-bilanċi vitali ekoloġiċi jiġu miżmuma;

Billi t-tielet programma ta' azzjoni tal-Komunità dwar l-Ambjent (4), li l-Kunsill tal-Komunitajiet Ewropej u r-rappreżentanti tal-Gvernijiet ta' l-Istati Membri, meta ltqagħu mal-Kunsill approvaw il-linji gwida ġenerali tiegħu fis-7 ta' Frar 1983, jirrikonoxxi partikolarment il-ħtieġa għall-politika aħjar fil-kordinament tal-problemi ta' l-ambjent fil-Baħar tat-Tramuntana;

Billi bid-Deċiżjoni tad-19 ta' Mejju, 1981 il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni illi jinnegozja l-adeżjoni tal-Komunità Ekonomika Ewropea għall-Ftehim tad-9 ta' Ġunju 1969 għall-koperazzjoni fil-mod kif jiġi trattat it-tniġġiż tal-Baħar tat-Tramuntana biż-żejt;

Billi skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill tad-9 ta' Settembru 1983 il-Ftehim għall-koperazzjoni fil-mod kif jiġi trattat it-tniġġiż tal-Baħar tat-Tramuntana biż-żejt u s-sustanzi l-oħra perikoluż ġie iffirmat fit-13 ta' Settembru 1983;

Billi huwa meħtieġ għall-Komunità illi tapprova illi l-Ftehim sabiex tieħu sehem fl-iskambju ta' informazzjoni u r-riċerka komuni u għaldaqstant jinkisbu l-għanijiet imsemmija, flimkien ma' l-Istati Membru u mingħajr preġudizzju għar-rwol li s'issa kellhom fil-qafas tal-Ftehim tad-9 ta' Ġunju, 1969;

Billi l-atti futuri tal-Komunità mhumiex qegħdin jiġu preġudikati b'dan;

Billi l-Ftehim tat-13 ta' Settembru 1983 jipprevedi l-iskambju ta' l-informazzjoni, ir-riċerka komuni u l-koperazzjoni fuq il-baħar, li min-natura tagħhom ma jikkostitwixxux regoli komuni li jistgħu jiġu effettwati mill-ftehim li l-Istati Membru jkunu jixtiequ jikkonkludu f'dan il-qasam,

(1) ĠU C 40, tal-15.2.1984, pġ. 5.
(2) ĠU C 127, ta' l-14.5.1984, pġ. 120.
(3) ĠU C 112, ta' l-20.12.1973, pġ. 1 and ĠU C 139, tat-13.6.1977, pġ. 1.
(4) ĠU C 46, tas-17.2.1983, pġ. 1.

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

Il-ftehim għall-koperazzjoni fil-mod kif jiġi trattat it-tniġġiż fil-Baħar tat-Tramuntana biż-żejt u sustanżi oħra perikoluż qiegħed jiġi hawnhekk approvat f'isem il-Komunità Ekonomika Ewropea.

It-test ta' dan il-Ftehim huwa anness ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill għandu jiddepożita l-istrument kif previst fl-Artikolu 18 tal-Ftehim.

Magħmul fil-Lussemburgu, 28 Ġunju 1984.

F'isem il-Kunsill

Il-President

H. BOUCHARDEAU